MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 3/2007

Nazzareno u Josephine konjugi Mercieca

vs

Franklin Camilleri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-atturi Nazzareno u Josephine konjugi Mercieca li jghid hekk :

"Ghid inti konvenut il-ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' tlett mija u sittin liri Maltin (Lm360) rapprezentanti l-kera ghax-xahar ta' Ottubru 2006, fuq il-fond "Silver Seas Snack Bar", Triq Ir-Rabat, Xlendi, Ghawdex, kif ukoll is-somma ta' mija u erbgha u hamsin liri Maltin u disa' centezmi (Lm154.09) rapprezentanti kontijiet tad-dawl, ilma, telefon, u cable li ghadhom pendenti kif ukoll spejjez li l-istess atturi kellhom jisborsaw minn buthom biex inaddfu l-post mill-hmieg li kien jinsab fih u is-sehem tieghek mid-drittijiet ta' l-avukat

Dottor Jean Paul Grech ghall-iskrittura ta' kera konkluza bejn il-partijiet fis-27 ta' Marzu 2006, total ghalhekk b'kollox ta' hames mija u erbatax –il lira Maltin u disa' centezmi (Lm514.09).

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt, inkluz l-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji mibghuta lilek datati 5 ta' Dicembru 2006, 15 ta' Dicembru 2006, u 13 ta' Jannar 2007."

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fl-20 ta' Marzu 2007, u baqa' ma dahhal ebda risposta, u ghalhekk it-terminu moghti mill-ligi ghar-risposta ghadda.

Billi ghalkemm innotifikat regolarment il-konvenut baqa' ma deherx ghall-udjenza tat-tmintax (18) ta' April 2007, ghal liema gurnata kienet appuntata l-kawza, u wkoll wara li l-kawza giet debitament imsejha skond il-ligi, l-konvenut baqa' xorta wahda ma deherx, u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehera tieghu.

Sema' lill-attrici Josephine Mercieca bil-gurament fl-udjenza tat-18 ta' April 2007, li spjegat u kkonfermat li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba baqa' ma giex saldat xejn minnu mill-konvenut, u li l-konvenut ma ndenjax jaghmel ebda pagament u l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu.

Fl-istess udjenza tat-18 ta' April 2007, gewipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-30 ta' April 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, baqa' ma deherx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ikkunsidra li t-talba tal-atturi hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi Nazzareno u Josephine konjugi Mercieca s-somma ta' hames mija u erbatax –il lira Maltin u disa' centezmi (Lm514.09) ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' dina d-decizjoni sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tal-atturi nkluzi l-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji tal-5 ta' Dicembru 2006, 15 ta' Dicembru 2006, u tat-13 ta' Jannar 2007, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------